VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,671, 1 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 370 tal-2016

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw r-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw r-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bejgħ ta' Elettriku ġġenerat minn Unitajiet ta' Koġenerazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.29

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "L-ispiża marġinali għal kull kWh għas-sena 2015 għandha tkun ta' għaxar ċenteżmi u ħames milleżmi (€0.10,5) għal kull kWh." għandhom jidħlu l-kliem "L-ispiża marġinali għal kull kWh għas-sena 2016 għandha tkun ta' tmien ċenteżmi u disgħa milleżmi (€0.08,9) għal kull kWh.".